



KIF L-UE TGĦIN FIL-ĠLIEDA KONTRA **D-DISKRIMINAZZJONI**

FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL



**GĦANDEK
DRITTIJET**

SETT TA' GĦODOD TAL-MIDJA SOĊJALI

ec.europa.eu/social/EUvsDiscrimination

#EUvsDiscrimination

DWAR IL-KAMPANJA

Fl-UE, int għandek id-dritt għal trattament ġust u ugwali fuq il-post tax-xoġħol. Dan minħabba li l-liġi tal-UE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xoġħol fuq il-bażi **tal-età, is-sess, id-diżabbiltà, l-orijini etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-orjentazzjoni sesswali.**

Il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni hija valur essenzjali tal-UE u l-Unjoni għandha wħud mill-aktar liġijiet estensivi kontra d-diskriminazzjoni fid-dinja. Miljuni ta' impjegati minn madwar l-Ewropa jgawdu minn dawn id-drittijiet kuljum.

Madanakollu, stħarriġiet juru li **wieħed minn kull tmien Ewropej iqisu lilhom infushom bħala parti minn grupp f'riskju ta' diskriminazzjoni.** Id-diskriminazzjoni, l-attakki kontra minoranzi u d-diskors ta' mibegħda għadhom realtà ta' kuljum fl-Unjoni Ewropea.

Din il-kampanja tinforma liċ-ċittadini tal-UE, kemm jekk huma persuni li jfittxu xoġħol kif ukoll jekk impjegati, dwar id-drittijiet tagħhom għal trattament ġust u opportunitajiet ugwali fl-oqsma kollha tal-impjieg.

Il-kampanja se tqajjem ukoll sensibilizzazzjoni dwar l-obbligi tal-impjegaturi skont il-liġi tal-UE biex tinkludi [akkomodazzjoni raġonevoli](#) lill-persuni b'diżabbiltà. Se jiġu organizzati avvenimenti lokali f'10 Stati Membri: il-Belġju, ir-Rumanija, il-Polonja, il-Litwanja, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Ungerija u l-Irlanda, fejn jeżistu l-akbar lakuni ta' impjieg.

Il-kampanja #EUvsDiscrimination għet immedija fl-1 ta' Mejju 2019.

MESSAĠĠI PRINĊIPALI

Meta tikkomunika dwar il-kampanja, uża dawn il-messaġġi prinċipali. Wieħed jista' jsib aktar tagħrif fuq ec.europa.eu/social/euvsdiscrimination.

- FI-UE, id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fuq il-bażi tal-età, is-sess, id-diżabbiltà, l-oriġini etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-orjentazzjoni sesswali, hija illegali.
- Iċ-ċittadini kollha tal-UE huma intitolati għal trattament ekwu fir-reklutaġġ, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fil-promozzjoni, fil-paga, fl-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali, fil-pensjonijiet u fis-sensja okkupazzjonali, irrispettivament tal-età, is-sess, id-diżabbiltà, l-oriġini
- etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew mill-orjentazzjoni sesswali tagħhom.
- L-UE jimpurtaha mill-benesseri taċ-ċittadini tagħha u tħares id-drittijiet tagħhom għal trattament ugwali u opportunitajiet ugwali fuq il-post tax-xogħol.

Għall-impjegati

- 65 % taċ-ċittadini tal-UE mhumiex konxji tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tad-diskriminazzjoni ([Ewrobarometru Speċjali 437](#)). Int jista' jkun li int vittma ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u ma tafx b'dan.
- Jekk temmen li ġarrabt diskriminazzjoni, tista' tfittex parir mingħand organizzazzjonijiet bħal trejdsyunjins, NGOs jew korpi nazzjonali tal-ugwaljanza. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jgħinuk tressaq ilment jew jistgħu jeżaminaw il-każ tiegħek għalik.

Għall-impjegaturi

- FI-UE, l-impjegaturi għandhom l-obbligu u r-responsabbiltà li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.
- L-impjegaturi huma mitluba jipprovdu "akkomodazzjoni raġonevoli" lill-persuni b'diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol, sakemm dan ma jimponix piż sproporzjonat fuqhom. Dan jinkludi **bidliet f'impjieg jew ambjent tax-xogħol** jew organizzazzjoni li tippermetti lil persuna b'diżabbiltà tapplika, twettaq u tavvanza f'impjieg jew taħriġ fuq termini ugwali ma' ħaddiema oħra. Dan jista' jinkludi wkoll appoġġ personali.
- Il-liġijiet tal-UE kontra d-diskriminazzjoni jagħmlu sens minn perspettiva ekonomika. In-numru kbir ta' gruppi protetti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-diskriminazzjoni jirrappreżentaw sors mhux sfruttat ta' ħiliet u talent, u dan ifisser li l-impjegaturi jistgħu jibbenefikaw minn grupp varjat ta' ħaddiema.
- Forza tax-xogħol ekwitabbli li tħossha rispettata u sigura tkun aktar produttiva.

- Il-liġijiet tal-UE kontra d-diskriminazzjoni jikkontribwixxu għad-diversità u l-kreattività ġenerali fuq il-post tax-xoġħol. Dan jista' jagħti spinta lid-dehra tal-kumpanija fost il-persunal tagħha, fil-komunità u fost il-konsumaturi.

LINJI GWIDA DWAR IL-MIDJA SOĊJALI

- Uża l-vidjows u l-immaġnijiet ipprovduti f'dan is-sett ta' għodod
- Ħossok liberu li tadatta l-materjal għall-udjenzi fil-mira tiegħek
- Kun żgur li l-kontenut tiegħek ikun konformi mal-messaġġi prinċipali tal-kampanja
- **Dejjem** uża l-hashtag tal-kampanja:

#EUvsDiscrimination

- Interagġixxi magħna u aqsam il-posts tiegħek!



Web

ec.europa.eu/social/euvsdiscrimination



Facebook

[Facebook page](#)



Twitter

[@EU Social](#)



YouTube

[Social Europe](#)



LinkedIn

[EURES](#)

IMMAĠNI U VIDJOWS

Niżżel l-immaġnijiet u l-vidjows kollha [HAWNHEKK](#).

KUNTATT

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew tirrikjedi għajnuna rigward l-użu ta' xi materjali tas-sett ta' għodod, jekk jogħġbok ikkuntattja lil EMPL-DISC@ec.europa.eu.